Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 410/17/1

**Perit Philip Azzopardi (appellant)**

**Vs**

**Dr. John Casaletto (appellat)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. L-attur harrek lill-konvenut fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €1,615.00, *"liema ammont huwa bilanc minn somma akbar u dan bhala pagament ghas-servizzi minnu rezi"*.

2. Il-konvenut wiegeb li:-

   i. hu ma kienx debitur tal-attur ghaliex hallas l-ammont kollu dovut u l-ammont mitlub kien dovut minn Adrian Agius;
   ii. ma kellu l-ebda obbligu ma' jew ghal Adrian Agius li jhallas l-ammont pretiz;
   iii. ma kien dovut l-ebda ammont u ghalhekk l-azzjoni kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal- 21 ta' Novembru 2017, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

4. B'sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ammont ta' €1,467 u ordna l-prosegwiment tal-kawza fir-rigward tal-bilanc ta' €148, bl-ispejjez rizervati ghas-sentenza finali.

5. Fis-11 ta' April 2018 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji tieghu huma (i) il-preskrizzjoni kienet giet interrotta meta l-konvenut accetta li jhallas nofs dak dovut minn sid il-proprjeta'; u (ii) il-preskrizzjoni wkoll kienet giet interrotta bi hlas fuq akkont tal-kont kollu.

6. Fit- 23 ta' April 2018 il-konvenut ipprezenta twegiba fejn ecepixxa n-nullita' tal-appell ghaliex ma ntalbitx l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal sabiex ikun prezentat l-appell mis-sentenza preliminari, u dan skont l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-mertu, il-konvenut iddikjara li kien qed jaghmel

tieghu r-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata u zied ighid li galadarba d-dejn kien preskritt fil-konfront ta' Adrian Agius, allura dan kien preskritt fil-konfront tieghu wkoll.

7. Wara li l-qorti qrat l-atti tosserva li l-attur ipprezenta l-appell tieghu mis-sentenza parzjali tat-Tribunal minghajr ma ntalbet l-awtorizzazzjoni kif irid l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza hi cara u ma sarux argumenti li jistghu jwasslu lil din il-qorti sabiex ma taqbilx.[1]

8. Ghaldaqstant l-appell li ppropona l-attur fil-11 ta' April 2018 hu null.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-appellat u tiddikjara l-appell null. Spejjez a karigu tal-attur.**

**L-atti ghandhom jintbaghatu lura lit-Tribunal sabiex ikompli bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.

---

[1] Ara sentenzi Qorti tal-Appell (Inferjuri) ***Nicholas Jensen Testaferrata pro noe vs Giovanna armla ta' Paul Grima***, nru. 154/1999, deciza 12 ta' Novembru 2003 fejn l-artikolu 231 tal-Kap. 12 kien applikat fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera, u ***Philip Grima vs Edwin Smith et***, nru. 1197/2002, deciza 4 ta' Mejju, 2005, **Carmel Falzon et vs Dr Andrew Zammit et** tal-31 ta' Ottubru 2007, u **John Agius vs Champalin Company Limited** tas-7 ta' Frar 2012. F'dawn iz-zewg sentenzi din il-qorti qalet li dik id-disposizzjoni tapplika wkoll fir-rigward ta' sentenzi parzjali li jinghataw mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.